KLR 10 VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Ġimgħa 15 ta’ Novembru 2013 f’nofs in-nhar.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Maria Portelli, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

## 1. Talba u approvazzjoni tal-minuti

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Mill-minuti

1.1 Fl-aħħar laqgħa ġew mistiedna jidħlu fil-kamra il-Perit Edward Scerri li għamel il-pjanti lill-Kunsill sabiex ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-MEPA biex isir dan il-proġett u s-Sur Charlie Ħili, rappreżentant tat-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Waqt din il-laqgħa rriżulta li l-kumitat li qed jieħu ħsieb dan il-monument għandu l-ħsieb li jgħamel pedestallata xi ftit jew wisq akbar minn dik pjanata oriġinarjament. Il-Kunsill dejjem kien favur li jsir dan il-monument u xhieda ta’ dan hu l-fatt li ġie nkluż fil-pjanti tal-porġett tal-ERDF. Pero’ għandhom jiġu verifikati l-qisien eżatt tal-bażi ta’ dan il-monument. Il-membri qablu li l-Kunsill jimxi ma dak li ġie approvat mill-MEPA.

*William Sultana li hu l-Project Administrator tal-Proġett tal-ERDF ġei mistieden jidħol fil-kamra sabiex tiġi diskussa l-item li jmiss.*

## 2. Evalwazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta’ Aġġudikazzjoni:-

### i. *Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project “Setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historic Trial”*

Dan ir-rapport għadu mhux konkluż peress li ntalbu xi kjarifiki lil min tefa’ l-offerta u ser jiġi diskuss waqt laqgħa li ser issir b’urġenza sabiex din il-materja tiġi konkluża fil-jiem li ġejjin.

**ii.** ***Supply and Delivery of light Fittings and Luminaires for the Heritage Trail Project in Victoria, Gozo*****;**

Il-*Project Administrator* ressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni u dan skont dokument A anness. Il-membri qablu li l-kunsill joqgħod fuq il-parir tal-bord u din l-offerta għandha tingħata lill-Richard Cauchi.

**3. Attivitajiet tal-Milied u Lejliet l-ewwel tas-Sena**

Tressaq il-programm finalizzat tal-attivitajiet li ser isiru għal-Milied u l-ewwel tas-sena. Dan skont dokument B anness.

**4. Korrispondenza**

Tressqet Korrispondenza mingħand:-

4.1 *Gelea Curmi Engineering* rigward id-dawl li jagħti fuq l-arloġġ taċ-Ċittadella. Is-suġġeriment ta' Galea Curmi hu li billi d-dawl tas-swar ser jiġi restawrat mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-Ministeru għal Għawdex. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jħalli lil Gvern Ċentrali jieħu ħsieb dan id-dawl;

4.2 *Galea Curmi Engineering* fejn inħareġ iċ-ċertifikat finali lill-*Silhouette Light Shop* li kien il-kuntrattur li ssupplixxa d-dwal għal Pjazza San Ġroġ. Il-pagament finali li baqalu jsir jammonta għall-€3,614,76. Il-membri approvaw dan;

4.3 Manuel Grima f'isem it-Taqsima tal-Kultura. Intalab sabiex it-tinda u l-palk li jintramaw fi Pjazza Indipendenza qabel il-festi tal-Milied, jitpoġġew qabel attivita' li ser issir fit-22 ta' Diċembru 2013. Din l-attivita' qed tiġi organiżżata mit-Taqsima tal-Kultura. Il-membri qablu;

4.4 il-Kunsill Lokali tax-Xagħra fejn intalab sabiex titranġa parti minn Triq is-Sellum. Il-membri qablu li jsir il-*patching* neċessarju;

4.5 *J Portelli Projects* fejn bagħtu l-kont tax-xogħol li sar fl-uffiċċju tal-*Customer Care*. Il-Kunsill ser jitlob *break down* tax-xogħol li sar *extra* li skont dan il-kont jammonta għall-€5,261,96;

4.6 il-*Marketing Manager* ta' Arkadia fejn issuġġerixxa li minn naħħa ta' dan l-istabilliment jitpoġġew *fairy lights* mas-siġar li hemm fil-parkeġġ ta' biswit l-Arkadia. Il-membri qablu li dawn jiġu nstallati biss għall-istaġun tal-festi;

4.7 Sandro Buttiġieġ li joqgħod 'Wojtyla', Triq it-8 ta' Diċembru. Vetturi qed jipparkjaw quddiem il-garaxx tiegħu li jinsab f'kantuniera. Il-membri qablu li jintalab il-peremess ta' Transport Malta sabiex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera;

4.8 l-uffiċċju ta' Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser jiġi mgħarraf bil-porposta ta' x'għandu jsir sabiex jintużaw il-fondi approvati għal-*playing field*.

**5. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

5.1 jitqabbad il-Perit Gordon Vella sabiex jagħti parir lill-Kunsill fir-rigward tal-ħajt li hu perikoluż u li jinsab fi Triq Santa Martha. Fuq dan il-ħajt hemm il-parkeġġ ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

5.2 issir applikazzjoni mal-Enemalta sabiex issir bozza/*floodlight* ġdida minn fuq il--Banca Giuratale li tagħti fuq l-*area* tal-ġenb tal-Banca n-naħħa ta' Triq Sir Adrina Dingli

5.3 fit-triq ta' bejn Triq Kerċem u Triq Wied il-Lunzjata jsir *railing* tal-kanna peress li meta kien qed isir xi bini, ċ-ċint li kien qiegħed fuq ir-riħ tal-wied twaqqa mill-inġenji.

Il-laqgħa spiċċat fis-14.30. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fl-16.30.

Av Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv